



Programm ta' appoġġ għar-riforma strutturali approvat mill-Kunsill

Fil-11 ta' Mejju 2017, il-Kunsill approva programm ta' €142.8 biex **jgħin lill-istati membri** jimplimentaw riformi strutturali.

Il-programm ser jikkontribwixxi għal **riformi istituzzjonali, amministrattivi u strutturali** mmirati lejn it-titjib tal-kompetittività, il-produttività, it-tekabbir, l-impjieg, il-koeżjoni u l-investment. Huwa ser jopera b'appoġġ għall-proċessi ta' governanza ekonomika tal-UE, filwaqt li jiffinanzja azzjonijiet u attivitajiet b'**valur miżjud Ewropew**.

"Din l-inizjattiva l-ġdida tibni fuq l-esperjenza miksuba waqt l-għoti ta' assistenza teknika lil pajjiżi fi programmi ta' aġġustament ekonomiku," qal Ian Borg, is-segretarju parlamentari Malti għall-presidenza tal-UE u l-fondi tal-UE 2017. "Hija ser tippermettilna ngħinu lill-pajjiżi membri kollha biex jibbenifikaw minn dik l-esperjenza meta jwettqu riformi importanti."

Ir-regolament kien adottat f'laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd, mingħajr diskussjoni.

Il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għal dan il-programm fis-27 ta' April 2017, li ser ikopri l-perijodu 2017–20. Dan isegwi ftehim mar-rappreżentanti tal-Parlament li ntlaħaq fit-8 ta' Frar 2017.

- [Regolament dwar il-programm ta' appoġġ għal riformi strutturali 2017-20](#)
- [Stqarrija għall-istampa rigward il-ftehim ta' Frar 2017 dwar il-programm ta' appoġġ għal riformi strutturali 2017-20](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press